MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 616/1999/1

**Emily Stivala, Dr. Humbert Grech u Yolanda Cauchi lkoll bhala l-eredi tal-mejjet Joseph Grech u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2002 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Salvatore Cauchi wara l-mewt ta' martu l-attrici Yolanda Cauchi, u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2006 l-atti tal-kawza ghaddew fil-persuna ta' Norman, Marilyn, Tanya Cassar, Paul, Rita Vella u Frederick, ahwa Stivala, werrieta tal-istess Emily Stivala li mietet fil-mori tal-kawza; u b' digriet iehor tal-10 ta' Mejju 2006, l-atti tal-kawza, kwantu jolqtu l-interessi ta' Yolanda Cauchi, ghaddew fil-persuna tar-rikorrent Humbert Grech, wara l-mewt ta' Salvatore Cauchi fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Paula Pace**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta’ Marzu 1999 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

Illi l-atturi huma kollha l-eredi tal-mejjet Joseph Grech hekk kif jidher mit-testment datat 13 ta' Jannar 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi l-mejjet Joseph Grech kien dahal f’kuntratt mal-konvenuta fil-5 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor John Hayman hawn ezibit u mmarkat Dokument "B" ghat-tenur ta' liema huwa ttrasferixxa lill-istess konvenuta l-fond dar 75 (hamsa u sebghin) "Gloxinia", Triq Brared, Birkirkara b'titolu ta' vitalizju kontra vendita vitalizzja ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) fis-sena;

Illi l-istess fond hekk trasferit skont stima maghmula mill-Perit Jaccarini mqabbad ghal dan l-ghan minn Joseph Grech jiswa tnejn u tletin elf lira Maltija (Lm32,000);

Illi ghalhekk l-istess kuntratt maghmul mill-konvenuti, tenut kont li l-attur kellu 80 sena ta' eta` meta sar il-kuntratt, ma kien soggett ghall-ebda riskju reali u kien kompletament favorevoli ghall-istess konvenuta;

Illi l-kunsens ta' Joseph Grech gie karpit kontra r-rieda tieghu meta huwa kien ghadu debboli tlett ijiem wara l-mewt ta' martu, u b'hekk huwa gie sospiz f’li jaghti l-kunsens tieghu minghajr ma kellu l-vera possibbilta` li jahsibha sewwa;

Illi ghalhekk l-istess kuntratt huwa irritu u null billi jiddifetta mill-'causa' essenzjali fin-natura tieghu u dan billi l-vitalizju ma kienx 'aieatorju' ghall-konvenut;

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti;

1. Tiddikjara li l-kunsens ta' Joseph Grech ghal ‘l fuq imsemmi kuntratt gie korpit bi frodi u qerq perpetrat ghad-

dannu tal-istess Joseph Grech u l-atturi bhala l-eredi tieghu mill-konvenuti u ghalhekk vizzjat;

2. Tiddikjara li l-kuntratt fuq imsemmi jiddifetta mill-'causa' essenzjali ghan-natura u validita` tieghu u dan billi mhux alleatorju ghall-konvenuta;

3. Tiddikjara irrita u nulla konsegwentement u *in vista* tal-premess, il-kuntratt ta` vitalizju tal-5 ta' Novembru 1998.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-att rexissorju relattiv li ghandu jigi ppublikat min-nutar mill-istess Qorti nominat f'dik il-gurnata hin u lok li tigi ffissata minn din il-Qorti u tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-23 ta' Gunju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Paula Pace datata 14 ta' April 1999 (fol 16) fejn esponiet : -

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Illi, *in linea* preliminari, l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom *qua* eredi *stante* li minn ezami tat-testment imsemmi mill-atturi mhumiex innominati bhala eredi.

2. Illi, fit-tieni lok, l-atturi ma jivvantaw l-ebda titolu bhala eredi fuq il-proprjeta' 75, "Gloxinia," Brared Str, B'Kara peress illi din il-proprjeta' giet moghtija lill-kovenuti b'titolu ta' vitalizzju b'kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dr. John Hayman LL.D., liema kuntratt sar b'mod regolari u skont il-ligi.

3. Illi, ghalhekk, minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-allegazzjoni li Joseph Grech ma kienx mentalment kapaci

biex jikkostitwixxi l-vitalizzju msemmi hija asserzjoni gratwita, specjalment tenut kont tal-fatt li qabel ma gie redatt il-kuntratt ta' vitalizzju, bejn il-konvenuta u l-mejtin Joseph u Rita Grech giet iffirmata skrittura datata 27 ta' Settembru 1998 f'dan is-sens u *inoltre*, l-istess mejjet Joseph Grech, fl-istess epoka ghamel it-testment, li fuqu qed jibbazaw it-titolu taghhom l-atturi.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, daqstant iehor gratwita hija l-asserzjoni li l-kunsens tieghu gie karpit.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors ta’ Salvatore Cauchi datat 30 ta’ April 2002 a fol 134 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tammettih fil-kawza bhala attur minflok il-mejta Yolanda Cauchi u b’hekk jassumi l-atti bhala l-eredi taghha u dan fit-terminu tal-artikolu 806 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba kif jidher mid-digriet taghha moghti fil-15 ta’ Mejju 2002 (fol 141).

Rat ir-rikors ta’ Humbert Grech datata 4 ta’ Mejju 2006 a fol 305 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tammettihom fil-kawza bhala atturi minflok il-mejjet Salvatore Cauchi u b’ hekk jassumu l-atti bhala l-eredi tieghu u dan fit-termini tal-artikolu 806 tal-Kodici ta’ Orginazzazzjoni u Procdeduri Civili; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza, safejn jolqtu l-interessi ta’ Yolanda Cauchi, jghaddu fil-persuna tar-rikorrent Humbert Grech, *stante* l-mewt ta’ Salvatore Cauchi fil-mori tal-kawza; u dan kif jidher bid-digriet moghti fl-10 ta’ Mejju 2006 (fol 314).

Rat ir-rikors ta’ Norman, Marilyn, Tanya mart Godwin Cassar, Paul, Rita mart Martin Vella, u Frederick, ahwa Stivala datat 4 ta’ Mejju 2006 a fol 315 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tammetti lill-esponenti fil-kawza bhala atturi minflok il-mejta Emily Stivala u b’ hekk jassumu l-atti bhala l-eredi taghha u dan fit-terminu tal-artikolu 806 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri

Civili; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu fil-persuni tar-rikorrenti Norman, Marilyn, Tanya Cassar, Paul, Rita Vella, u Frederick, ahwa Stivala, werrieta ta' Emily Stivala, li mietet fil-mori tal-kawza, kif jidher bid-digriet moghti fl-10 ta' Mejju 2006 (fol 322).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 8 ta' Frar 2007 a fol 331 tal-propcess.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru whud mill-atturi mhux mghejjuna mill-Avukat. Il-konvenuta u l-Avukat taghha msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007. F' dan il-hin dahlet fl-Awla Dr. Therese Comodini Cachia ghall-atturi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Paula Pace datata 14 ta' Mejju 2007 a fol 352 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-31 ta' Otturbu 2007 sa dak tad-29 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza dejjem baqghet differita ghas-sentenza, u giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-15 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi, bhala eredi tal-mejjet Joseph Grech, qed jitolbu t-thassir ta' kuntratt ta' bejgh b'korrispettiv ta' vitalizzju maghmul bejn id-*decujus* u l-

intimata (**Dok.A)**[1]. Huma jghidu li l-kunsens tieghu, kien karpit bi frodi u qerq perpetrat mill-intimata, u, *inoltre,* billi l-kuntra huwa nieqes mill-kwezit aleatorju u b'hekk nieqes minn *causa* li huwa element essenzjali ghall-validita` tieghu. Il-konvenuta cahdet dawn l-addebiti u qalet ukoll li qabel ma gie redatt il-kuntratt ta' vitalizzju, waqt li mart id-*decujus* kienet ghadha hajja, hi kienet gja ffirmat skrittura mal-konjugi Grech. *Inoltre* mhux minnu li l-attur ma kienx mentalment kapaci. Kien fl-istess epoka li d-*decujus* ghamel it-testment tieghu li fuqu l-atturi qed jibbazaw it-titolu taghhom.

Mill-atti jirrizulta li b'att ippubblikat minn Nutar Dottor John Patrick Hayman fil-5 ta' Novembru 1998, bejn Joseph Grech ta' 80 sena, u l-intimata Paula Pace, xebba, din obbligat ruhha li thallas lil Joseph Grech vitalizzju ta' Lm1,200 fis-sena pagabbli f'rati mensili ta' Lm100 b'effett immedjat. In konsiderazzjoni ghar-rendita vitalizzja Joseph Grech ittrasferixxa lill-intimata d-dar bin-numru 75, *Gloxinia,* fi Triq Braret, Birkirkara. Mart Joseph Grech mietet fit-30 ta' Ottubru 1998 filwaqt li Joseph Grech miet fis-16 ta' Frar 1999. Fis-27 ta' Settembru 1998 meta allura kienet ghadha hajja Rita Grech, il-konjugi Grech u Paula Pace ffirmaw skrittura preliminari ta' bejgh - vitalizzju li kienet valida ghall-tliet xhur.[2] Fil-5 ta' Novembru 1998 Joseph Grech iffirma kuntratt iehor identiku ma' Louis Pace, hu Paula Pace, hlief li dan il-kuntratt kellu bhala l-oggett tieghu l-bejgh ta' fond f'San Pawl il-Bahar *verso* hlas ta' vitalizzju bhala korrispettiv. Dakinhar ukoll iffirma prokura generali favur Joseph Pace, missier Paula u Louis Pace.

Il-provi f'din il-kawza kienu jikkonsistu f'xhieda *viva voce* l-aktar dwar ir-relazzjonijiet bejn Joseph Grech u l-familja Pace, u c-cirkostanzi ta’ sahha u ghixien ta' Joseph u Rita Grech.

Xehdet **Catherine Grech**[3]**, mart Dr. Humbert Grech,** hu d-*decujus*. Hi qalet li d-*decujus* kien ilmenta maghha li Joe

---

[1] Esebit a fol.5 tal-process.

[2] Esebit a fol. 81 tal-process.

[3] Affidavit a fol.23 et.seq.

Pace kien dahaq bih u kien il-mohh wara kollox. Kien anke mar ghand in-Nutar biex jirrevoka l-prokura f'Dicembru 1998 /Jannar 1999.

Riferibbilment ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt id-*decujus* qalilha li ma jafx x'kien qed jaghmel. Haduh x'imkien, ma jafx fejn, u skont kliemu "*gabuli karta biex niffirmaha."* Hu qalilha li ma kienx jaf x'kien qed jiffirma u ma qrahx il-kuntratt. "*Ma kienx jaf x'kien qed jaghmel ghax wara li mietet martu Rita kien mitluf."* Dan il-kuntratt sar fid-dar ta' Joe Pace stess. Qalet ukoll li Joseph Grech kien ha l-mewt ta' martu bi kbira hafna minhabba li kellu eta` avvanzata u minhabba li ma kien baqaghlu lil hadd izjed.
Gharrafha wkoll li meta martu kienet ghadha hajja, kienu ftehmu li Paula Pace thallsu Lm150 fix-xahar izda d-dar tkun taghha <u>wara mewtu</u>. Dan ma kienx rifless fil-kuntratt ghaliex l-ammont kien inqas imma d-dar saret taghha mill-ewwel.

**In kontro-ezami**[4] kienet tghix Malta u fis-sena qabel ma mietu l-konjugi Grech kienet tarahom qisu darba fil-gimgha. Dan kien ikun id-dar taghhom u anke kienet taghmel "xi facendi."

Joseph Grech kien jaqra u kien studjuz "*il-kotba kienu l-hajja tieghu. Kellu librerija organizzata wkoll."* Hi qalet li meta dahal fid-dar tal-anzjani ma baqax b'dik il-herqa ghal qari "ghaliex tgerfex" cioe` "kien iddizorjenta ruhu wara li romol...darba rawh miexi fil-pjazza tan-Naxxar bil-papocc ta' gewwa."

Hi ratu darbtejn wara li hareg mid-dar tal-anzjani sakemm miet. Saret taf b'testment gdid li ghamel wara li miet. Kienet taf li Joe Grech ma kienx kuntent jibqa' fid-dar tal-anzjani u kienet taf ukoll bl-arrangament dwar il-vitalizzju ma' ulied Joe Pace.

Xehdet **Yolanda Cauchi**[5], oht id-*decujus*, u qalet li huwa gja kellu 80 sena meta Joe Pace pproponielu l-

---

[4] A fol. 177 et. seq.tal-process.
[5] Affidavit a fol.26 et.seq. tal-process.

arrangament u kien ma jiflahx hafna. Il-familja Pace kienu wkoll haduh go *home,* "*haga li qatt ma ried u kien dispjacut hafna meta ghamlulu hekk."* Kienet iccempillu kuljum u qalilha biex ma thalli xejn lill-familja Pace fil-wirt taghha. Kien wissiha biex toqghod attenta minnhom u ma tafdahomx. Qabel ma miet huha ried ihassar il-kuntratti li ghamel ma’ Paula Pace, u ma’ Louis u Odette Pace, ghax kienu qarrqu bih u l-kuntratti kienu ngusti. Kien anke tkellem ma' Avukat biex jibda l-kawza.

Xehdet **Margaret Stivala Pawley**[6] mart Paul, in-neputi ta' Joseph Grech, u qalet li Joseph u Rita Grech kienu marru fid-dar tal-Anzjani n-Naxxar, ghaliex hi kellha bzonn xi hadd maghha l-hin kollu. Joseph Grech kien imdejjaq fil-*home* u ried jghix fid-dar tieghu *Gloxinia* tant li ma accettax l-istedina taghha biex imur jghix maghha.

"*Meta mietet iz-zija Rita, iz-ziju Joe kien qisu ntilef f'dinja ghalih. Huwa kien jiddependi hafna fuq martu u meta mietet kien ghamel l-ewwel xahar jew izjed iddipressat hafna...il-hin kollu jibki u ..jsemmi liz-zija biss."*

Joe Pace kien hu Rita Grech. Il-konjugi Grech kienu nfurmaw lix-xhud li ma kellhomx flus biex jibqghu fid-dar tal-anzjani u kienu qalu b'dan lil Joe Pace li kien jiehu hsieb il-karti kollha, inkluz tal-Bank taghhom. Ghall-ewwel kienu ftehmu li wliedu jiehdu l-fond taghhom f'San Pawl il-Bahar u jhallsuhom Lm5 kuljum sakemm imutu.

Dawn il-kuntratti ma kienux iffirmati qabel ma' mietet zijitha u fil-funeral, qaltlu li issa ser ikollu l-flus biex jghix fil-*home* izda qalilha li l-gurnata ta' qabel kien iffirma xi haga u li ma kienx jaf x'iffirma. Qalilha "*kien dlam cappa, haduni x'imkien ma nafx fejn, qrawli karta u jiena ma fhimt xejn u iffirmajtha."* Meta nsistiet mieghu xorta ma kienx jaf jghidilha x'iffirma. Dan kien ghadu f'Novembru 1998.

F'Dicembru 1998 qalilha li kien imhawwad ghaliex Louis u Paula Pace kellhom ihallsuh Lm5 kuljum mentri rcieva pagament ta' Lm100 minghand kull wiehed. Ma kellux

[6] Affidavit a fol.34 et.seq. tal-process.

kopja tal-kuntratt ghaliex Joe Pace kien izommlu l-karti kollha. Hi nkarigat lin-Nutar Marco Farrugia li gab kopji taz-zewg kuntratti tal-5 ta' Novembru 1998 iffirmati mid-*decujus*.

In-Nutar fehmu li l-proprjeta` tal-fondi ghaddiet ghand Louis u Paula Pace dakinhar tal-kuntratt. Hu ma setax jifhem u gieghelu jirrepeti dan u staqsieh kif jista' jkun li dawn id-djar m'ghadhomx tieghu. Kien ukoll sorpriz meta n-Nutar qallu li iffirmahom fid-dar ta' Joe Pace u qal li "*lanqas biss kien gharaf il-post."*

Kien hallas ghad-dar tal-Anzjani sa Jannar 1999 u baqa' jinsisti li jmur jghix fid-dar tieghu f'Birkirkara u li x-xhud tmur iddur bih. Qalilha li Joe Pace kien qallu li seta' jaghmel hekk. Id-*decujus* kien dejjem jghid "*dawk il-postijiet serquhomli."* Wara li ha parir minn Avukat dan hejja citazzjoni u d-*decujus* kien anke kkonfermah bil-gurament waqt li kien l-Isptar. Madanakollu miet dak il-lejl stess.

**In kontro-ezami** xehdet li Joseph Grech kien talab lil Joe Pace biex jirritornalu l-kotba tal-bank, karti tat-taxxa, deheb, u affarijiet ohra.

Hi qalet li kellha c-cavetta tad-dar ta' Birkirkara u zijuha ried li hi u l-familja taghha jmorru jghixu mieghu. Pace kien qal lil Grech biex imur jara kif hi kienet qallbitlu d-dar. Hi spjegat li kienet qed tizbarazza d-dar. Id-*decujus* sab id-dar imqallba ghax kienu qed johorgu l-eluf ta' kotba li kellu - nehhew kollox. Pace zammet kuntatt mad-*decujus* ghall-perjodu ta' Jannar u Frar 1999 izda mhux meta kien gie jghix maghha fil-bidu ta' Frar 1999. Hi ammettiet li telqet mid-dar *Gloxinia* f'Novembru/Dicembru 1999, cioe` wara li miet id-*decujus*.

Regghet xehdet in **kontro ezami**[7] qalet li ma setghetx tikkonferma kif kienu r-relazzjonijiet bejn il-konjugi Grech u l-familja Pace. Kienet ghamlet offerta lil Joseph Grech fis-sens li tbiegh il-post taghha u tixtri dak. Izda qalilha li ried

[7] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2010 a fol. 161 et seq.tal-process.

jitkellem mal-mara. Dan kien wara li qalilha bl-offerta ghall- vitalizzju ta’ Lm5 kuljum ghal San Pawl il-Bahar. Hu qalilha li kien lest li jaghtiha l-post jekk thallsu vitalizzju ta’ Lm3 kuljum, izda baqa’ ma tahiex risposta. Emily Stivala, Humbert Grech u Yolanda Cauchi ma kienux jafu b'dan id-diskors.

**Xehed Joseph Rossi[8],** amministratur tad-Dar tal-Anzjani, "*Id-Dar Familja Mqaddsa",* tan-Naxxar u qal li Rita Grech dahlet fit-12 ta' Awwissu 1998 u mietet fl-Isptar San Luqa fit-30 ta' Ottubru 1998. Joseph Grech dahal fir-residenza fis-27 ta' Awwissu 1998. Ghalkemm kien ghadu registrat il-*home* meta miet, kien qed jghix mal-familjari. Joe Pace u martu kienu jmorru jarawh regolarment. Huma kienu ndikati bhala *next of kin* tieghu.

Hu kellu kuntatt mill-vicin mad-*decujus* u martu u kien ikellimhom regolarment. Meta kienet ghadha kemm mietet martu, Grech kien izomm konverzazzjoni. Bhala principju, jekk ikun hemm xi haga fi kwalunkwe pazjent li kienet tirrikjedi l-osservazzjoni ta' xi specjalist professjonali, kien jinforma lin-*nurse* dwar li kien hemm bzonn. Fil-kaz ta' Joseph Grech ma hassx li dan kien il-kaz.

Qal li l-applikazzjoni ghal *home* kienet saret fit-8 ta' April 1997. Il-*fees* kienu jithallsu minn Joe Pace. Darba minnhom inzerta li ra lid-*decujus* diehel go van. Hu rrabja ghax kien il-maltemp u ma tantx kien liebes sew. In-*nurse* qaltlu li n-neputija tieghu kienet hargitu. Din il-persuna ma kenitx Paula Pace. Dan kien ghal xi l-5 ta' Frar 1999. Imbaghad miet ftit wara. In-*nurses* lanqas kienu jafu li hareg.

**Paula Pace,** il-konvenuta, xehdet[9] *in estenso* dwar ir-relazzjoni u rabta mill-vicin bejn il-familja Pace u l-konjugi Grech. Rita Grech kienet oht ommha. Ommha u ohtha "kienu inseparabbli." Hi u zewgha, Joe Grech, ma kellhomx tfal u kienu jqattghu granet maghhom. Kellhom il-kamra taghhom fid-dar taghhom. Kienu jixtrulhom rigali

[8] Seduta tal-4 ta' Gunju 1999 a fol.71 et.seq.tal-process.
[9] Seduta tad-9 ta' Novembru 2001 a fol.92 et.seq. tal-process.

anke f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier apparti festi ohra. "*They were part of the family - qishom il-mama' u l-papa' taghna."* Ir-relazzjonijiet taghha maz-ziju baqghu tajbin sal-ahhar ta' Jannar 1999 - "*qisna t-tfal tieghu."*

Rita Grech mardet u ommha daret biha u ghexet maghhom sal-1998. Hi kienet tbati minn feriti minhabba l-marda taghha u ma setghetx timxi tajjeb, tant li spiccat fil-*wheelchair,* kellha bzonn medikazzjonijiet kuljum u *dressings* specjali. Kemm ommha, kif ukoll hi, hutha u n-nisa taghhom kienu jghinu biex jiehdu hsiebha. Xi kultant kienet tghin Margaret Stivala.

Joe Grech kien bniedem intelligenti, ezigenti u kien difficli: kien izomm *timetable* tieghu ghall-ikel u kellhom jaggustaw il-hinijiet taghhom biex jakkomodaw ir-regoli tieghu. Sussegwentement ommha kellha bzonn *open heart surgery* (fis-sena 1996) u ma setghetx tkompli tiehu hsieb lil ohtha. Zijuha ma riedx imiss il-kapital li kellu u ried jara x'ser jaghmel biex jibqghu jghixu bejn id-djar u l-*home "*allura ssuggerew li jaghmlu vitalizju fuq id-dar Gloxinia u ta' San Pawl il-Bahar. Dan id-diskors sar bejn Gunju u Awwissu 1998.

Kien ghamel l-istess proposta lill-familjari tieghu. Yolanda ma kenitx interessata filwaqt li ma' Fredrick Stivala ma riedx jirranga. Margaret Stivala kienet ghamlitlu proposta izda hi ma tasalx.

Hi kkonfermat li Joseph Grech ma riedx jiddisponi mid-dar kompletament ghax ried jibqa' juzaha jekk jiddeciedi li jmur ghal xi *weekend*. Skont ix-xhud Joe Grech ried li jaghmel ftehim maghha mill-ewwel u hi qaltlu li l-ewwel jipprova jiftiehem mal-familja tieghu. Hi ma riedetx id-dar *Gloxinia* ghal bidu ghax kellha problemi medici u kienet qed taghmel hafna operazzjonijiet l-Ingilterra. Wara li tkellem mal-familja tieghu, hu u martu nsistew li riedu jaghmlu l-ftehim maghha ghax hu kellu fiducja li tasal fil-pagamenti. Hi ssuggeriet li jaghmlu konvenju (esebit bhala **Dok.PP1** a fol 81 tal-process) li gie ffirmat mill-konjugi Grech, imbaghad ghamlu kuntratt wara. Il-

konvenju sar fuq talba taghha ghaliex kienet qed tiffaccja operazzjoni kbira u ma kenitx taf l-*outcome.*

Il-konvenju kien iffirmat id-dar taghhom quddiem in-Nutar John Hayman fis-27 ta Settembru 1998. "*It tnejn kienu fully aware x'kienu qed jaghmlu".*

Meta dahlu fil-*Home* kienu jghaddu granet id-dar tal-familja Pace u jorqdu biss fil-*Home.* Il-kuntratt sar fuq insistenza taghhom. Ommha kienet izzuruhom il-*Home* u difatti marret ma’ ohtha meta marret St Luke's fejn imbaghad mietet. L-ghada tal-funeral gie d-dar bhas-soltu u wara li haduh il-*Home*, ircevew telefonata li xi hadd kien tah xi tbaqbiqa u kien qed ibati biex jiehu nifs. Qalilhom li giet Margaret Stivala u tatu tbaqbiqa ghax trid bilfors id-dar. Paula Pace qaltlu li ma kien hemm xejn xi jzommu peress li kellhom konvenju biss. Hu ma riedx jikkuntratta ma’ Margaret Stivala peress li ma kellhiex flus biex thallsu kull xahar u li kienet isselfet flus gja minghandu. Imbaghad l-ghada qalilhom biex icemplu lin-nutar u nfatti ghamlu l-kuntratt fil- 5 ta’ Novembru 1998.

Dakinhar tal-kuntratt Joseph Grech “*gie d-dar normali"* minn filghodu. Kien jaf min kien ser ikun in-nutar ghax ghamel ricerka. Kien interessat fil-kunjom tan-Nutar Hayman u meta gie qallu minn fejn origina l-kunjom tieghu u qaghdu jitkellmu, hadu kikkra te` flimkien, imbaghad qralu l-kuntratt. "*Kien jaf kollox".* In-Nutar dam xi "*three, four hours."*

Hi qalet li kienet bdiet thallas minn Lulju Lm150 fix-xahar. Jekk imut wiehed minnhom l-ammont tal-vitalizju kien Lm92 fix-xahar. Hi mbaghad qaltlu li ser thallas mhux Lm92 imma Lm100. Hu ma riedx u qalilha Lm92 imma hi nsistiet u ffirmaw fuq Lm100.

Baqa' jigi d-dar taghhom kwazi kuljum sal-Milied normali u kienet thallas il-pagamenti bil-quddiem lill-*Home* kif ried hu. Hi marret l-Ingilterra ghall-operazzjoni u rritornat fil-31 ta' Dicembru 1998. Kellha taghmel 6 xhur ma tohrogx. Meta kienet imsiefra d-*decujus* kien icemplilha kuljum u jistaqsiha dwar il-kondizzjoni taghha.

F'Jannar baqa' gej normali ghandhom imbaghad wara nofs Jannar beda jitlob l-affarijiet - *washing machine,* dokumenti u oggetti u rendikont minghand Joe Pace ghax qal li kien sejjer jghix fid-dar tieghu f'Birkirkara. Ommha dahlet f'din id-dar u hadet xokk ghax sabitha mqallba kollha, l-affarijiet fil-kaxex, kollox ippakkjat u marret sal-*Home* ghaz-ziju biex turih. Hu ma kien jaf b'xejn. Meta wasslu mar ghand Margaret Stivala u qaltlu li ser timmuvja u qed tirranga d-dar. Hu talabha biex juza d-dar u qaltlu li jista' skont il- kuntratt u li seta' idahhal lil min irid sakemm kien ghadu haj. Margaret Stivala dahlet ghall-ahhar ta' Jannar/bidu ta' Frar. Sal-5 ta' Frar kien ghadu l-*Home.* Wara beda jaghtiha hafna nkwiet lil ommha u jbaqbaqha. Kienet tirritorna mbikkma minghandu. Imbaghad inqatghu minn mieghu u semghu li miet minn fuq ir-radju. Hadd ma nfurmahom u Margaret Stivala baqghet tghix fid-dar sa Novembru 1999 minkejja li qalulha biex tohrog.

Hi hallset il-mizata tad-dar tal-anzjani biex tkopri x-xahar ta' Frar 1999 meta miet. "*Il-problemi li kellu z-ziju ma kienux mieghi sakemm miet. Il-problemi li nqalghu kienu ma ommi...beda jinsisti li hafna mid-dokumenti ..riedhom lura..sakemm iz-ziju gie nieqes qatt ma ghamel ebda referenza dwar il-kuntratt li konna ghamilna f'Novembru tal-1998."*

In **kontro-ezami *xehdet*** li l-mewt ta' Rita Grech ma affettwatx liz-ziju tant li lanqas mar l-Isptar meta qalulu li mietet. Kien qalilhom li ma kellux ghalfejn jinzel u ghamlu madwar siegha u nofs biex jipperswaduh. Anke meta zijithom kienet ghadha hajja l-Isptar kien spiss igib skuzi biex ma jinzilx jaraha. Kien ha kedda tlett ijiem wara li mietet martu meta zaritu Margaret Stivala. Joe Grech kien jiehu kura medika ghall-*emphysema*.

"*Joe Grech kien bniedem intelligenti u jaqra hafna ..pero` mill-aspett emozjonali ghall-inqas minn barra, l-mewt tal-mara tieghu ma kenitx dehret illi effetwatu daqstant."*

Xehed **Fredrick Stivala**,[10] bin l-attrici Emily Stivala u n-neputi tad-*decujus*. Hu kien offra liz-ziju biex jixtri l-post ta' San Pawl il-Bahar imma zijuh ma kienx accetta. Dan kien fl-epoka wara li mietet Rita Pace. Hu ma ghamilx offerta ohra ghajr li jixtri l-post imsemmi. Hu offra prezz ta' Lm30,000.

Xehed **Louis Pace**,[11] hu l-konvenuta. Rita Grech bdiet bi problemi medici serji fil-1968 u minn dak iz-zmien il-genituri tieghu kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet taghha kemm qabel l-operazzjoni taghha, kemm wara. Il-konjugi Grech kienu gew joqghodu maghhom il-Marsa. Dawn il-problemi aggravaw mas-snin u x-xhud, li kien joqghod bieb ma' bieb mal-genituri tieghu, qal li ta' spiss kienu jirrikorru ghall-ghajnuna tal-familja Pace u kien hemm zmien ukoll fejn kienu jghixu mal-genituri tieghu.

Joseph Grech kien feda t-tmexxija tal-hwejjeg finanzjarji tieghu f'missieru. Semma' episodju meta rcieva kont mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u talab lil missieru biex jghinnu. Minn dak iz-zmien baqa' jafda dawn l-affarijiet fih.

Fl-ahhar hames snin tal-hajja taghhom, Rita Grech ma kenitx f'posizzjoni li taghmel il-facendi tad-dar u Joseph kien jiddependi hafna fuq omm ix-xhud, izda wasal zmien meta hi wkoll kienet ma tiflahx. Qal li Joe Grech kien *self centred* u kien irid hafna attenzjoni ghalih, u ghalhekk missieru xtaq li jmorru f'dar tal-anzjani. Habbrek u sabilhom post fl-ahhar fid-Dar tan-Naxxar.

Hu kkonferma li Joseph Grech ma riedx imiss il-kontijiet bankarji u x-xhud ippropona l-vitalizju fuq iz-zewg postijiet.

Din il-proposta giet diskussa mal-konjugi Gech li urew interess u kien inkariga lin-Nutar Hayman biex ilesti kitba privata. Esebixxa kopja ta' abbozz li kien ipprepara, riferibbilment ghall-fond ta' San Pawl il-Bahar, iffirmat minn Joseph u Rita Grech (**DOK LP1)**[12] u qal lil zijuh jaghmel l-istess offerta lil xi qraba tieghu. Dan gie ffirmat

[10] Seduta tal-21 ta' Ottubru 2003 a fol. 157 et.seq. tal-process.

[11] Seduta tat-18 ta' Marzu 2004 a fol. 170 et.seq. tal-process.

[12] Esebit a fol.163 tal-process.

fl-istess okkazzjoni meta gie ffirmat il-ftehim a fol. 81 tal-process.

L-abbozzi gew mghoddija lil Joseph Grech fis-17 ta' Settembru 1998 imma gew iffirmati 10 t'ijiem wara. Joe Grech qallu li kien wera l-ftehim lil Dr Humbert Grech li, izda, meta ra l-abbozz li kien jirrigwarda l-fond li kien jinteressah wiegbu li ma kellux interess li jidhol fil-ftehim.

Dwar offerta minghand Fredrick Stivala biex jixtri l-fond ta' San Pawl il-Bahar bi Lm30,000, qal li d-*decujus* qallu li ma riedx ikollu x'jaqsam mieghu ghaliex ma kienx jafdah li jwettaq l-obbligi tieghu.

Margaret Stivala kienet offriet li thallas vitalizju fuq il-fond ta' Birkirkara izda qal li kienet Rita Grech li opponiet peress li kienet isselfet Lm500 minghandhom u ma kenitx hallsithom lura.

Wara dan il-ftehim Joseph Grech wera x-xewqa mill-gdid li jingabar fid-dar tal-konjugi Pace izda ommu kienet ghadha mhux b'sahhitha. Wara li mietet martu, izda, kien mar joqghod maghhom u beda jinsisti li hu u Paula Pace jiffirmaw atti pubblici. Difatti baghtu ghan-Nutar Hayman li kien gie d-dar u ffirmaw il-kuntratti. Joseph Grech insista li jirriducu l-vitalizju izda hu u Paula nsistew mieghu li jhallsu Lm100.

Il-hlas tal-vitalizju kien isir b'cekk pagabbli lill-*Holy Family Home* kemm qabel kif ukoll wara l-iffirmar tal-kuntratt pubbliku sal-ahhar ta' Frar 1999. Kien jghaddi c-cekkijiet lil missieru li dak iz-zmien kien jiehu hsieb l-hwejjeg tal-konjugi Grech. Meta mietet Rita Grech serrah mohh iz-ziju li ma kienux biddlu fehmithom u l-ftehim gie redatt ftit granet wara.

Fil-granet tal-Milied 1998 Joe Grech kien iqatta' hafna granet ghand id-dar tal-familja Pace.

Joe Grech kien jghidlu li min idur bih jiehu kollox. Ftit wara l-Ewwel tas-Sena 1999, intebah li l-atteggjament li kellu lejn ix-xhud inbidel. Talbu biex il-magna tal-hasil tigi

ritornata. Hu hekk ghamel u meta mar id-dar ta' Grech sab tharbit specjalment fil-kotba. "*Naf li z-ziju kellu l-habta jew vizzju li jahbi l-flus gol-kotba."*

Xehed **Joseph Pace**.[13] Ir-relazzjoni bejn il-familji Grech u Pace "*baqghet maghquda hafna".* Fis-snin 60, Rita Grech kienet mardet b'mod gravi ghall-habta tal-1969 u marru jghixu maghhom. Meta irpiljat, irritornaw fid-dar fejn kienu jghixu.

L-ewwel darba li beda jiehu hsieb l-affarijiet ta' Joe Grech kien ghall-habta tas-snin 80 meta rcieva *ex officio assessment* u talbu jassistih. Minn hemm baqa' itih daqqa t'id fit-tmexxija tal-flus. Kien jimlilu l-formoli ta' taxxa u qatt ma kellu diffikultajiet sa Jannar 1999.

Rita Grech baqghet sejra lura b'sahhitha u kellha bzonn attenzjoni medika kostanti minn *'nurses'*. Kienet tghix maghhom meta tkun hazina u meta kienet tkun l-Isptar, Joseph kien jghix maghhom. Izda tant hzienet li, ghall-habta ta' Lulju 1998 issuggerilhom li jidhlu f'dar tal-anzjani.
Dakinhar li hareg mid-dar tal-familja Pace, Giuseppe Grech ghaddielu Lm400 fi flus kontanti u hatru prokuratur. Dahlu fid-dar tal-iMsida, izda ma kienx kuntent u Joe Pace irrangalhom biex jidhlu fid-dar tan-Naxxar.

Ikkalkolaw li kellhom bzonn Lm14 kuljum ghat-tnejn, spejjez tar-residenza biss in-Naxxar. Pace li kien jaf li kellu investimenti barra u zewgt idjar issuggierlu li jehles minn xi wiehed minnhom, izda Joe Grech ma xtaqx jaghmel hekk u tkellmu dwar vitalizju. Pace issuggerielu li jitkellem ma' hutu biex jara jekk xi hadd huwiex interessat li joffri xi hlas fuq il- postijiet. Humbert Grech kien interessat u anke Frederick Stivala izda Grech ma hadiex bis-serjeta` din il-proposta. Anke Margaret Stivala uriet interess izda Joseph u martu ma accettawhiex. Fil-pozizzjoni li kellha u l-paga ta' zewgha, ma kienux f'qaghda li jhallsu l-vitalizju.

---

[13] Seduta tal-1 ta' Marzu 2005 a fol.191 et seq. tal-process.

Wara li romol kienu jzuruh kuljum u hu kien jigi d-dar ta’ Pace fi tmiem il-gimgha.

Fil-bidu tas-sena 1999 deher infantas ghax hadd ma mar izuru. Qallu li riedu jirritorna d-dar tieghu f'Birkirkara, u li Margaret Stivala kienet ser iddur bih. Talbu jirritorna l-*washing machine* u l-affarijiet tieghu. Joe Pace kien prezenti meta gie ibnu bil-lavrant bl-affarijiet. Ircieva wkoll ittra ta’ revoka ta’ prokura[14] u ta rendikont tal-amministrazzjoni tieghu.

Sar jaf li fit-13 ta Jannar 1999 mar ma’ Margaret Stivala ghand in-Nutar Marco Farrugia u ghamel testment hemmhekk.

**In kontro-ezami** qal li kien jghinn lil Joe Grech minn qabel ma giet iffirmata l-prokura (**Dok.JPX[15]**). Grech ma kienx jaf lin-Nutar Hayman qabel il-gurnata li ffirma l-ftehim. Sahhtu ma kinetx hazin ghall-eta` li kellu. Il-kuntratti sehhew fuq insistenza ta’ Grech. Joseph Grech ma kienx konfuz fil-granet wara li mietet martu jew kellu xi dubji dwar il-kuntratti "*anzi ghall-kuntrarju li kien jishaq hu stess li dawn il-kuntratti xtaqhom li jigu ffirmati ghax beza li wliedi jerga’ jibdilhom minn dak li kienu ftehmu fuq il-konvenju."*

Ir-relazzjonijiet kienu ghadhom tajbin sal-bidu tal-1999. Ftit wara bl-indhil ta’ Margaret Stivala, l-atteggjament inbidel.

Kemm dam in-Naxxar Grech kien ihallas xi Lm16 fix-xahar ghall-bqija tal-arlogg. Fil-prokura tieghu hu kien involut biss f'*petty cash* ghax Grech kien baqa’ imexxi l-investimenti ta’ barra hu. Kellu kont mal-Natwest, u nvestimenti mal- Loyds, TSB et.

Paula Pace lahqet ghamlet seba’ pagamenti ta’ Lm100-il wiehed.

[14] **Dok. JPA** a fol.295 tal-process.
[15] Fol. 296 tal-process.

## KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

B'din il-kawza l-atturi qed jitolbu l-annullament tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 ghall-zewg ragunijiet:-

a) id-difett tal-kuntratt billi huwa nieqes mill-element ta' *alea* mehtieg f'kuntratt ta' vitalizju "*billi l-istess kuntratt mhuwiex alleatorju ghall-istess konvenuta mehud kont l-elementi ta' eta` u sahha ta' Joseph Grech, il-valur reali tal-fond in kwistjoni u l-ammont li hallset il-konvenuta taht l-istess kuntratt;* u

b) l-istess kuntratt "*huwa difettuz billi l-kunsens ta' Joseph Grech gie karpit kontra r-rieda tieghu meta huwa kien ghadu debboli ftit jiem biss wara l-mewt ta' martu u 'hekk huwa gie sorpriz f'li jaghti l-kunsens tieghu minghajr ma kellu possibbilta' vera li jahsibha sewwa.*"[16]

Il-Qorti tosserva mill-ewwel li t-talba kif dedotta fic-citazzjoni dwar it-tieni kawzali ta' nullita` hija bbazata fuq qerq u frodi perpetrat a dannu ta' Joe Grech mhux fuq *vis* u ghandha toqghod mat-termini stretti ta' din it-talba.

*Inoltre* l-atturi jissottomettu li l-kuntratt in kwistjoni "*huwa dak it-tip ta' rendita vitalizzja li skont l-Artikolu 1694 tal-Kodici Civili tissejjah 'renta fundjarja'.*"

Din l-osservazzjoni hija wkoll zbaljata peress li l-Kodici Civili jirregola b'dispozizzjonijiet specjali l-kuntratt ta' vitalizju u, kif jghid *Torrente "A differenza della rendita perpetua, la rendita vitalizia ha natura tipciamente aleatoria" Jghid li "La nota caratteristica fondamentale dell'istituta(di vitalizia)e' l'obbligazione di corrispondere la rendita dura finche' dura l'eta di una persona designata dalle parti, la quale puo' essere cosi' il beneficiario della rendita che un terzo.*"[17]

---

[16] Nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi a fol 333 tal-process.
[17] Andrea Torrente "*Manuale di Diritto Privato "(*Giuffre' Ed),1975 p 577

L-element ta' riskju, "*alea*" hu essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt ta' vitalizju u apparti l-osservazzjoni zbaljata fuq premessa, l-atturi, kemm fic-citazzjoni kif ukoll fil-kumplament tal-osservazzjonjiet taghhom, jishqu fuq dan il-kuntratt (ta' vitalizju).

Difatti minn qari tal-iskrittura a fol 81, kif ukoll tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998, **Dok.A**, a fol. 5, huwa car li l-partijiet qablu fuq kostituzzjoni ta' *rendita vitalizja* u mhux renta perpetwa.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

**I. L-Ewwel Talba Attrici** - "*Li l-kunsens ta' Joseph Grech ghal fuq imsemmi kuntratt gie karpit bi frodi u qerq ghad-dannu tal-istess Joseph Grech u l-atturi bhala l-eredi tieghu.*"

**Ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili:**
*“1) L-għemil doluz huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
*(2) L-għemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma għandu jigi ppruvat.”*
Gie ritenut minn dawn il-qrati li biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f’kuntratt, hemm bzonn ta’ erba’ rekwiziti essenzjali ossija li: (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li dawn il-mezzi u atti jkunu fihom nfushom gravi; (c) li l-mezzi u l-atti jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u (d) li dawn l-mezzi u atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Dawn ir-rekwiziti gew enuncjati fil-kawza citazzjoni numru 1198/00 fl’ismijiet **<u>George u Miriam konjugi Portelli vs Ivan John Felice</u>** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Lulju 2004.

Applikati dawn il-principji, ta' rilevanza partikolari huma c-cirkostanzi antecedenti u konkomitanti ghall-iffirmar tal-kuntratt, senjatament ir-relazzjoni bejn il-partijiet, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-iffirmar tal-kuntratt, il-volonta' u s-sahha mentali tad-*decujus* fil-mument tal-kunsens.

Jirrizulta mill-assjem tal-provi li bejn il-konvenuta, u l-ġenituri tagħha, min-naħa waħda, u d-*decujus* Joseph Grech u martu Rita, min-naħa l-oħra, kien hemm rabtiet qawwija ta' għaqda u affezzjoni li kienu jmorru lura għall-bosta snin. Mart Joseph Grech, Rita Grech, u omm Paula Pace kienu aħwa, u kienu "*inseparabbli"* fi kliem Paula Pace. Rita Pace kienet mardet fl-aħħar tas-snin sittin u minn dak iż-żmien, oħtha kienet tieħu ħsiebha, tgħinnha, u tindukkraha. L-familja Pace kollha kienet involuta f'dawn il-prestazzjonijiet b'xi mod jew ieħor, għaliex sfortunatament, is-saħħa ta' Rita Pace marret minn ħażin għall-agħar sakemm wasal iż-żmien li oħtha, anke minħabba raġunijiet ta' saħħitha stess, għall-ħabta tas-sena 1997, ma setgħetx tgħin kif xtaqet u kif kien hemm bżonn.

L-għajnuna mogħtija minn omm Paula Pace mhijiex kontradetta mill-atturi, li mix-xhieda tagħhom joħroġ li ma kienux daqshekk viċin għad-*decujus* ħlief għal xi żjara okkażżjonali, imma żgur mingħajr il-preżenza ta' l-impenn ta' kuljum ipprestat mill-familja Pace. Jirriżulta li d-*decujus* u martu kienu anke jgħixu mal-familja Pace, kemm flimkien bħala koppja, kif ukoll Joe Grech waħdu, meta martu kienet tkun l-Isptar.

Dan l-aspett ta' affett jinkwadra b'mod car ir-retroxena u l-qafas tar-relazzjonijiet ta' fiducja li nbnew u seħħew matul is-snin. Paula Pace xehdet li Joseph u Rita Grech kienu qishom membri tal-familja tagħhom u saħansitra kienu jixtrulhom rigali għal *Mother's Day* u *Father's Day* peress li ma kellhomx tfal. Paula u Louis, da parti tagħhom, kienu qishom uliedhom.

Fattur ieħor li huwa determinanti għall-aħjar apprezzament ta' din ir-retroxena hija dik finanzjarja. Minkejja x-xhieda ta' Catherine Grech li Joe Grech ma kienx jafda lil Joe Pace, joħroġ mhux ikkontestat li Joe Pace kien ilu jgħinu f'aspetti finanzjarji għal snin kbar, minn mindu Grech kellu problema ta' taxxa. Kien ħallielu l-karti f'idejh, u kien jaċċetta l-għajnuna tiegħu. Dan kompla interrottament sal-bidu tas-sena 1999, ftit ġimgħat qabel li miet.

Joe Grech kien lucidu,[18] kien intellettwali u struwit. Li kieku kellu l-icken ombra ta' sfiducja f'Joe Pace, kien jiehu azzjoni mill-ewwel. Difatti kien baqa' jamministra l-investimenti tieghu hu stess, u xejn ma kien izommu milli jiehu kollox f'idejh kieku kellu dispjacir f'Joe Pace. F'kull kaz, ir-raggiri li jwasslu ghat-thassir ta' ftehim ghandhom jigu adoperati mill-kontraent l-iehor u mhux minn terza persuna. Joe Pace huwa estraneu ghall-kuntratt in ezami u dak li ntqal fil-konfront tieghu m'huwa ta' ebda rilevanza.

Sfortunatament f'din is-saga twila li ghadda minnha d-*decujus*, ir-relazzjoni tieghu ma' persuni li kien jikkonsidra l-vera familja tieghu f'dak li hu affett, inqata' ghal kollox meta dahlet in xena Margaret Stivala. Din ma kenitx persuna disinteressata. Anzi kienet ilha li xehtet ghajnejha fuq id-dar ta' Birkirkara ghal ragunijiet li tafhom hi.[19] Malli harget lil Joseph Grech mill-Isptar, klandestinament, (tant li la n-*nurses* u lanqas l-amministratur Joseph Rossi, ma kienu gew avzati b'dan), dan beda jhares bl-ikrah lejn il-membri tal-familja Pace u gew sfiducjati f'ghajnejh. Il-Qorti ma tistax tonqos milli turi d-dispjacir taghha ghall-mod kif inhareg mid-dar tal-Anzjani, tant li Joseph Rossi rrabja bil-fatt ukoll li lanqas kien liebes sew biex jilqa' ghall-kesha. Kif ukoll li il-familja Pace, li damu s-snin jghinuh, kellhom isiru jafu li miet mir-radju.

**Ikkonsidrat** ukoll li l-avvenimenti li graw <u>wara</u> l-iffirmar tal-kuntratt mhumiex daqstant rilevanti ghall-kaz in ezami, fejn il-Qorti ghandha tezamina l-kunsens ta' Joseph Grech, fil-mument li nghata, senjatament jekk hu gie ndott b'raggiri u mezzi frawdolenti sabiex jiffirma l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 mal-konvenuta.

Ghal dan l-iskop hu fattur importanti, wkoll mhux ikkontrastat, li Joseph Grech ma riedx jghix f'*Home*. Izda johrog mix-xhieda tal-familja Pace li xtaq izomm postu fil-*Holy Family Home*, in-Naxxar, filwaqt li ma riedx jisvesti ruhu mill-assi li kellu. Is-soluzzjoni offruta minn Joe Pace kien ta' ftehim ta' vitalizju li kien jippermettilu jibqa' jghix

[18] Ara xhieda ta' Joseph Rossi u ta' Catherine Grech.
[19] Ara xhieda ta' Margaret Stivala a fol 34 et seq tal-process.

fid-dar tal-anzjani minghajr ma jmiss il-kapital tieghu, kif ukoll jutilizza d-dar tieghu ta' Birkirkara meta jrid sakemm jigi nieqes.
Ma jirrizulta l-ebda prova ta' raggiri jew qerq perpetrat fuq id-*decujus*. Anzi hu liberament iddiskuta dan il-ftehim ma' Humbert Grech, Margaret Stivala, Frederick Stivala u ma ohtu Yolanda Cauchi. Frederick u Margaret tant ma raw xejn hazin li offrew li jassumu huma stess l-obbligazzjoni tal-hlas tal-annata. *Inoltre*, dan il-kuntratt kien precedut bi skrittura privata li, skont ix-xhieda ta' Louis Pace, kien f'idejn id-*decujus* ghal ben ghaxart ijiem qabel ma hu u martu ffirmawh. Kienet din l-iskrittura wkoll li wera lill-familjari tieghu sabiex ikollhom hjiel tat-tip tal-obbligazzjoni li xtaq minghandhom.
Li kieku kien qed jigi raggirat, il-Qorti tifhem li l-familjari tieghu stess kienu jifthulu ghajnejh u daqs kemm kienu pronti jiehduh ghand Nutar fil-bidu tas-sena 1999, ftit gimghat qabel ma miet, kienu jkunu pronti jiedhuh qabel. Ghal kuntrarju, Humbert Grech wera interess u kien dispost jasal - "*Jekk Paula ma tasalx, jien interessat".* Dwar Fredrick ma hax l-offerta tieghu bis-serjeta' u dwar Margaret Stivala, id-diskors sar waqt li martu kienet ghadha hajja u martu oggezzjonat peress li ma kenitx affidabbli.[20] Kemm Frederick kif ukoll Margaret ikkonfermaw li Joseph Grech ma wasalx maghhom.
Dan kollu juri li Grech ma giex rinfaccjat b'kuntratt li t-termini tieghu kienu ghal kollox godda ghalih imma fehmu u accettah u baqa' sakemm ghazel l-iktar persuna li seta' jafda li riedet u setghet tonora l-obbligazzjoni tal-hlas mensili, li kienet il-konvenuta.
It-tezi tal-atturi li d-*decujus* gie raggirat huwa ferm dghajjef fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi u konsiderazzjonijiet. Anzi, jaqa' ghal kollox meta wiehed jikkonsidra li l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 kien precedut minn konvenju ffirmat mill-konjugi Grech fis-27 ta' Settembru 1998. Dan il-konvenju kien gie ffirmat minn Rita Grech meta kienet ghadha hajja u kien validu ghal tliet xhur (fol. 81 tal-process). L-argument li Grech iffirma l-kuntratt meta kien fi stat emottiv vulnerabbli, kif jallegaw l-atturi, ma jreggix

[20] Ara xhieda ta' Louis Pace, Margaret Stivala u Fredrick Stivala dwar id-diskussjoni fuq dawn il-proposti.

meta wiehed jikkonsidra li l-ftehim inkorporat fil-kuntratt kien isegwi ftehim iehor bl-iskritt, li esprimiet il-volonta' tal-konjugi Grech meta Rita kienet ghadha hajja, u allura ma kienx fi stat vulnerabbli.
Din l-iskrittura tas-27 ta' Settembru 1998 mhix qed tigi mpunjata u l-atturi ma jghidu xejn dwarha. Dwar il-pubblikazzjoni tal-kuntratt, jirrizulta mix-xhieda ta' Paula li n-Nutar Hayman kien gie d-dar u dam hemm meta giet iffirmata l-iskrittura privata. Joseph Grech kien sahansitra indaga dwar il-geneologija tal-kunjom "*Hayman*" u qaghad jiddiskuti man-Nutar dwar dak li sab. Ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti biex tithasseb dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghall-iffirmar tal-kuntratt.
Anzi analizi tal-ftehim u tal-kuntratt sussegwenti jwassal ghall-konkluzjoni li t-tnejn servew tajjeb l-interessi tad-*decujus* u ta' martu fis-sens li gew assigurati vitalizju li permezz tieghu setghu jserrhu mohhom li kienu ser jircievu redditu li ppermettilhom ihallsu l-mizati tad-dar tal-anzjani ghar-residenza taghhom minghajr ma jmissu dak li faddlu.
Mix-xhieda ta' Paula Pace, mhux ikkuntrastata, jirrizulta li kien Joe Grech li kien ghamel insistenza sabiex jigi finalizzat il-kuntratt. Kien liberu li jiffirmah maghha jew ma' kwalunkwe persuna ohra. Dan hu korroborat minn Louis Pace u Joe Pace. Joe Pace xehed li: "*anzi ghal kuntrarju li kien jishaq hu stess li dawn il-kuntratti xtaqhom li jigu iffirmati ghax beza' li wliedi jerga' jibdilhom minn dak li kienu ftehmu fuq il-konvenju."* Paula Pace xehdet li kien gie id-dar minn filghodu, dakinhar tal-kuntratt u tkellem man-Nutar, ha t-te`, "*kien jaf kollox."* Sar tibdil fir-rata tar-rendita mensili minn Lm92 li kellu jithallas mal-mewt ta' wahda mill-koppja Grech, ghall-Lm100, u dan fuq insistenza ta' Paula Pace, liema tibdil kien vantaggjuz ghal Joseph Grech.
Il-Qorti ssibha ferm difficli li taghti kredibbilta' lill-verzjoni tal-atturi meta jghidu li Joseph Grech lanqas biss kien jaf fejn gie ffirmat il-kuntratt meta dan kien gie ffirmat f'post li prattikament kien iqisu bhala r-residenza tieghu.
Il-Qorti thoss li ghandha tinnota mankanza lampanti in kwantu ma giex prodott in-Nutar Marco Farrugia bhala xhud meta, skont ix-xhieda ta' Margaret Stivala, kien spjegalu l-kontenut tal-kuntratt u quddiemu d-*decujus*

wera li ma kienx fehem dak li ffirma ghalih. Fl-assenza ta' tali xhud, dak li stqarret Margaret Stivala huwa kollu *hearsay*, u mhux attendibbli.
Il-Qorti fid-dawl tal-premess, hi tal-fehma li ma giex ippruvat li l-kunsens ta' Joseph Grech meta ffirma l-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 kien karpit b'qerq u frodi perpetrat minn Paula Pace, u ghalhekk qed tichad din it-talba peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**L-*Alea* bhala Element Essenzjali ta' Ftehim ta' Vitalizju.**

Il-Kodici Civili tikkonsidra l-vitalizju bhala kuntratt specjali u tiddisponi dwar dan il-kuntratt permezz tal-artikoli **1702** sa **1712 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.** Hu pacifiku li l-*alea* huwa element essenzjali ghall-validita` ta' kuntratt ta' vitalizju. (“***Oscar Sammut v Antonio Ellul*” - *App.Civ. 15.1.1945)*** tant li "*se l'alea manca , il contratto e' nullo*[21]*.*"

Dan ifisser li l-istipulazzjonijiet tal-kuntratt ghandhom ihallu element ta' incertezza rigward il-vantagg jew telf ekonomiku li jista’ javvera ruhu waqt id-durata tal-kuntratt. Jekk jonqos dan l-element ta' incertezza, minhabba l-eta' avvanzata tal-beneficjarju (u allura l-probabbilta' li l-obbligazzjoni ma tiehux fit-tul), jew mard serju fejn huwa prevedibbli l-mewt imminenti tal-beneficjarju, jew minhabba sproporzjon qawwi bejn il-valur jew frott rikavat mill-oggett assenjat u r-rendita mhallsa, jonqos dan l-element hekk essenzjali u konsegwentement il-kuntratt ta' vitalizju <u>oneruz</u> huwa null.

Huwa minnu li, kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz fuq citat, abbazi tal-insenjament ta' **Antonio Butera,**[22] mhuwiex eskluz l-intenzjoni tal-partijiet li jiftehmu fuq il-kostituzzjoni ta' vitalizju gratuwitu, jew kuntratt mist oneruz-gratuwitu, fejn allura l-*alea* mhuwiex kwezit essenzjali ghall-parti gratuwitu tal-ftehim. Izda biex tali ftehim jkun validu, jenhtieg li l-istipulatur jagixxi bl-*animus donandi.*

---

[21] Andrea Torrente op.cit.
[22] "*Del Contratto Vitalizio” (nru. 44 pp 104-105)*

Applikati dawn il-principji, ikkonsidrat li l-atturi ssottomettew li l-kuntratt in ezami ma kellu l-ebda riskju ghall-konvenuta minhabba l-eta' (80 sena), l-qaghda ta' sahha ta' Joseph Grech u l-isfond kif svolgew il-fatti tal-kaz u sproporzjon bejn il-valur tal-fond (Lm32000)[23] u r-rendita mensili li kellu jithallas (Lm100 fix-xahar).

**Ikkonsidrat** izda li mhuwiex ippruvat li Joe Grech kien marid serjament meta ffirma l-kuntratt in ezami. Kienet martu, Rita, li kienet ilha ssofri minn mard li hakimha sa mis-snin sittin u dejjem baqghet sejra lura. Il-fatt li mar maghha biex jghix fid-Dar tal-Anzjani ma jirrizultax li kien dovut ghal xi mard da parti tieghu, imma ghaliex kien bniedem pjuttost ezigenti u mart Joseph Pace ma felhitx iktar ghall-piz li tiehu hsieb dawn l-ezigenzi tieghu. Huwa minnu li Joseph Rossi, l-amministratur tad-dar tal-Anzjani tan-Naxxar, qal li huwa kien jiehu medicini, izda ma tressqet ebda prova dwar x'kienu dawn il-medicini u l-iskop taghhom, ad ezempju, permezz ta' prova ta' tabib jew tan-*nurses* li kienu fid-dar tal-Anzjani. Fl-istess hin, il-Qorti ma tistax tinjora l-eta` avvanzata li kellu (ta' 80 sena), fiz-zmien li ffirma l-kuntratt. B'danakollu kemm kien fadallu hajja Alla biss kien jaf izda tenut kont li kellu 80 sena, il-prospettiva ta' ghixien fit-tul kienet wahda kwalifikata.

L-istorja kienet ghal kollox differenti ghal mart Joseph Grech, Rita Grech li kienet premorjenti ghalih. Izda Rita Grech ma ffirmatx il-kuntratt li huwa l-mertu ta' din il-kawza, liema kuntratt ma kien jirrikjedi ebda ftehim preliminari ghall-validita` tieghu. Ghalhekk il-Qorti tqis li c-cirkostanzi taghha fil-mument tal-iffirmar tal-iskrittura privata mhumiex rilevanti ghall-validita` tal-kuntratt in ezami li sehh bejn Joseph Grech wahdu u Paula Pace. Anzi minn ezami tax-xhieda ta' Joe Pace, Paula u Louis Pace, jirrizulta li Joseph Grech tant ried li jikkonkludi dan il-ftehim li kien jinsisti, specjalment ma' Paula Pace, biex jaghmlu l-att notarili, li ma jmurx jerga' jibdilhom.

---

[23] Valutazzjoni tal-perit Joseph Jaccarini esebit a fol.8 tal-process

*Inoltre* l-Qorti ghandha tinnota li dan il-kuntratt jirrizulta li gie ppubblikat min-Nutar wara li tkellem mad-*decujus* ghal bosta sieghat (3 jew 4 hours)[24], u li kien il-frott ta' diskussjonijiet, u gharbiel serju. Kuntratt li hu att pubbliku, huwa prezunt validu u mhux leggerment impunjabbli. F'dan l-att, ir-rata tal-annata hija stipulata fl-ammont ta' Lm100 fix-xahar ghaliex ittiehed in konsiderazzjoni li dan kien ser jithallas ghall-persuna wahdu minflok Lm153 ghal Joseph Grech u martu flimkien. L-ammont stabbilit fil-ftehim privat kien ghall-tnejn minn nies. Dan kien jirraprezenta zieda fuq l-ammont miftiehem fl-iskrittura preliminari minn Lm93 fix-xahar ghal Lm100 fix-xahar.

**Ikkonsidrat** li l-valur tal-fond assenjat gie stabbilit minn Perit *ex parte* nkarigat mill-atturi. Madanakollu dan il-valur ma giex ikkontestat mill-konvenuta u l-Qorti ghalhekk ser tistrieh fuqu galadarba gie kkonfermat bil-gurament mill-Perit Jaccarini.[25]

L-atturi jargumentaw li r-rendita ta' Lm1,200 fis-sena jfisser li l-konvenuta kellha thallas ghal 26 sena qabel ma tasal ghall-hlas tal-valur tal-fond. Il-konvenuta tirribadixxi li r-rendita giet ikkalkolata mhux abbazi tal-valur tal-immobbli li gie assenjat lilha, imma abbazi ta' kalkoli tar-rati li Joseph u Rita Grech kellhom ihallsu biex jibqghu fid-Dar tal-Anzjani. Dan probabbilment huwa minnu, tant li kellu ihallas ammont relattivament zghir in eccess fuq l-annata lill-*Home.*

Izda dan l-argument hu semplicistiku wisq. L-element ta' incertezza huwa marbut mal-vantagg ekonomiku *o meno* tul id-durata tal-vitalizju u paragun bejn il-valur tal-fond assenjat u r-rata mensili, fl-isfond tal-eta' avvanzata tal-istipulatur Joseph Grech ma jhalli ebda lok ghall-incertezza. Li kieku Joseph Grech kellu jghix sa 106 sena, li hija mprobabbli, il-konvenuta tkun ghadha fic-certezza li mhiex ser tbati ekonomikament. L-isproporzjon bejn il-valur tal-fond u r-rati hija tant kbira li din il-Qorti ma tistax

[24] Xhieda ta' Paula Pace.
[25] *Xhieda viva voce a fol.62 tal-process.*

tinjorah. Kien ikun ben altru kieku d-diskrepanza kienet tenwa, izda mhux fil-kaz in ezami.

***Animus Donandi***

Il-konvenuta ssottomettiet li l-element gratuwitu mhuwiex eskluz u jekk jirrizulta zbilanc bejn il-valur tal-proprjeta` u r-rendita prospettata (sottomessa minghajr pregudizzju) "*l-konsegwenza logika hija li ghal din id-differenza, Joseph Grech ma kienx jinteressah u kien qed jaghtiha gratuwitament."* Difatti gie ritenut li "*meta l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati tkun konsiderevoli, b'mod li teskludi l-alea, dan ma jgibx ghan-nullita' tal-kuntratt, izda dan il-kuntratt ikun mist bl-element ta' onerozita' u ta' liberalita' u jkun in parti donazzjoni." (***Dec. Vol.XXXII-I-138)***.*[26]

Kif gie ribadit fil-kaz "**Carmelo Vella v Giorgio Zahra**" **(**PA-dec.17.X.1963 per Prof.H. Xuereb J.) "*l-element ta' liberalita' ghandu jigi ritenut li jirrizulta meta jew ma jezistix il-korrispettiv li jinghad fl-atti li qed jinghata, jew ikun hemm sproporzjon bejn dak li qed jinghata u dak li qed jigi ricevut."* Hekk ukoll gie ritenut fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "***Vincenzo Debono v Nutar Dr. Vincent Gatt et"*** fuq citat.

Jirrizulta li l-kontraenti kienu jafu dak li kienu qed jiftehmu dwaru. Id-*decujus* kien immotivat bil-hsieb li ried isostni r-rati li kellu ihallas lid-Dar tal-Anzjani, minghajr ma jkollu jmiss l-investimenti u kapital tieghu. Ftehim ta' vitalizju kienet tofrilu s-soluzzjoni idejali u jirrizulta li dan kien diskuss bejnu u bejn Joe Pace. Id-*decujus* ma kellu l-ebda dubju dwar in-natura tal-ftehim, tant li tkellem ukoll ma' familjari tieghu biex jara jekk kienux interessati li jhallsuh huma l-vitalizju. Fl-ahhar mill-ahhar irrizulta li kellu fiducja fil-konvenuta li kienet ser tasal li twettaq l-obbligazzjonijiet tal-hlas, kif fil-fatt kienet gja bdiet taghmel sa minn Awwissu tas-sena 1998.

[26] Citat fis-sentenza fl-ismijiet *"**Vincenzo Debono v Nutar Dr. Vincent Gatt et"** - P.A. 24 ta' Gunju 1954.*

Jirrizulta wkoll kemm mix-xhieda tal-konvenuti, kif ukoll minn dawk prodotti mill-atturi, li Joseph Grech kien bniedem intelligenti u struwit. Kien jaf l-affarijiet tieghu u l-Qorti hija konvinta li ma giex indott b'qerq jew frodi biex jaccetta redditu inferjuri ghal dak li xtaq. Huwa kellu rabtiet ta' affett kbar ma' Paula Pace, sa mit-tfulija taghha, tant li kien wera t-thassib fuqha meta kienet l-Ingilterra ghall-operazzjoni u kien icemplilha kuljum. Dan kien fiz-zmien materjali tal-ftehim (1998). Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-eccess fil-valuri li jista' jirrizulta kien qed jaghtih gratuwitament favur Paula Pace b'*animo* ta' liberalita'.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad it-tieni kawzali bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

**Eccezzjonijiet ta' Paula Pace**

Il-konvenuta Paula Pace *in linea preliminari* eccepiet li l-atturi jridu jipprovaw it-titolu taghhom *qua eredi* li minn ezami tat-testment imsemmi mill-atturi mhumiex innominati bhala eredi.

Jirrizulta mic-citazzjoni li d-*decujus* irrediga testment ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fit-13 ta' Jannar 1999. Skont l-att ta' citazzjoni, dan it-testment kien anness mieghu (ara pagna 4 tal-process) u kellu jkun immarkat Dok. A. Izda minn ezami tac-citazzjoni, id-dokument immarkat bhala Dok. A huwa l-kopja tal-kuntratt tal-5 ta' Novembru 1998 u Dok. B jirreferi ghall-valutazzjoni tal-Perit Jaccarini.

Ma jirrizultax mill-atti disponibbli ghall-Qorti li gie esebit dan it-testment u fl-assenza ta' tali dokument ma jirrizultax mill-provi li l-atturi huma l-eredi ta' Joseph Grech u jonqos il-prova tal-interess guridiku taghhom.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt illi **tilqa' l-eccezzjonijiet** tal-

konvenuta **tichad it-talbiet attrici** in kwantu li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
L-ispejjez jithallsu mill-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------